# L- *Actio Spolii* u l- *Actio Manutentionis*

**ROBERT MUSUMECI**

*Dr Robert Musumeci huwa avukat u perit. Huwa ottjena wkoll Master of Science in Conservation Technology for Masonry Buildings mill- Universita' ta' Malta. Huwa waqqaf id-ditta ta' Periti RMPERITI u sussegwentement ottjena l- warrant ta' avukat. Huwa serva bhala cermen tal- Kunsill Konsultattiv dwar l- Industrija tal- Bini bejn is-snin 1998 u 2008. Eventwalment huwa serva bhala konsulent tal-Prim Ministru ta' Malta u kien strumentali fir-riformi wara d-demerger tal- Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar u t-twaqqif ta' l- Awtorita' ta' l- Artijiet. Dr Musumeci rebah il-'Best Doctor of Laws Thesis Award 2016'* ghall- publikazzjoni *'The Development Planning Act 2016 - A critical Appraisal'. Prezentement, Dr Musumeci iservi lill- Gvern ta' Malta bhala konsulent tekniku – legali.*

## 1 L- Actio Spolii

L-**Artikolu 535** tal-**Kodiċi Ċivili** jgħid hekk: *"(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill- ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl- artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili…(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll."*

L-azzjoni ta' spoll hija bazata fuq tliet elementi:

1. il-pussess;
2. it-tehid tieghu b'ghamil tal-imharrek u
3. li l-azzjoni nbdiet fi zmien xahrejn.

Dwar l-ewwel element, huwa mehtieg li jintwera li, fil-waqt li sar l-ghamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt. Minbarra dan, il-pussess ma ghandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun ghal waqt qasir u l-Qorti ghandha tillimita ruhha

biss biex tqis il-fatt tal-pussess u dak tal-ispoll. Mhux mehtieg li l-pussess li jista' jithares minn azzjoni bhal din ikun wiehed esklussiv.

Dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-ghamil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-ghamil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur ghall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess.

Dwar it-tielet element, il-ligi trid li l-azzjoni ghat-tnehhija tal-effetti tal-ispoll ghandha tinbeda fi zmien xahrejn. Dan iz-zmien huwa meqjus bhala terminu ta' dekadenza. Bhal kull wiehed iehor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt ghandu jigi pruvat mill-attur. Izda meta l-kwestjoni taz-zmien tittella' mill-imharrek bis-sahha ta' eccezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileggat saret barra zmienha taqa' fuq l-istess imharrek.

Dwar il-kwestjoni taz-zmien li fiha jmissha ssir il-kawza ghandu jinghad li tinqala' l-problema dwar minn meta ghandu jibda jintghadd it-terminu ta' xahrejn li tiffissa l-ligi. Dan jinholoq b'mod partikolari meta l-ghamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien hemm kazijiet fejn il-qrati ghamlu distinzjoni bejn meta l-ghamil ta' spoll ikun wiehed li sar darba u fejn l-ghamil ikun att li jippresisti, u ghalhekk inholoq il-hsieb li l-azzjoni tibda jew minn meta l-persuna li ttehdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm. Il-Qorti ikkunsidrat li qari xieraq tal-ligi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileggata tal-ispoll jindikaw li dan iz-zmien jibda jitqies minn dakinhar tal-ispoll.

L-attur ghalhekk irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b' titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza.

L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest pero pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll; b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest.

L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.

L-attur allura ghandu wkoll jipprova l-element tal-pussess. Ghandu jipprova b' mod konklussiv li kellu '*un possesso di fatto*' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.

Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.

Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna.

Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza *"unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**Artikolu 791(1)** tal-**Kap. 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att.

Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet dilatorji.

Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkometti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.

Kif inghad gja, l-azzjoni ta' spoll trid issir fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv. Meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkommbi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah

## 2 L- Actio Manutentionis

L-**Artikolu 534** tal-**Kodiċi Ċivili** jgħid hekk: *"Kull min, waqt li jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobbli, jew ta' universalita` ta' ħwejjeġ mobbli, jiġi mmolestat f'dak il-pussess, jista' fi żmien sena mill-molestja, jitlob li jinżamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju."*

Din l-azzjoni ta' l- *actio manutentionis* għandha erba' elementi:

1. Il-pussess ta' ħaġa immobbli jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobbli;
2. Il-molestja f'dak il-pussess;
3. L-azzjoni trid tiġi dedotta fi żmien sena mill-molestja;
4. Li l-attur ma jkunx ħa l-oġġett bi vjolenza jew bil-moħbi mingħand il-konvenut.

Id-distinzjoni tal-pussess essenzjali ghall-*actio manutentionis*, ġiet ferm tajjeb rimarkata fil-każ riċenti mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fl-ismijiet **Stacy Chircop vs Maria Spiteri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 2016, fejn ingħad:

*"Jekk tqabbel l-Artikolu 534 dwar l-actio manutentionis mal-Art. 535 dwar l-actio spolii, tinnota li waqt li l-Artikolu 534 irid "il-pussess ta' liema xorta jkun", l-Art.535 irid il-'pussess ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni.' Huwa ovvju għalhekk, li l-kliem "il-pussess, ta' liema xorta jkun ma jinkludix id-detenzjoni, għax li kien hekk, il-kliem '….jew id-detenzjoni' fl-Artikolu 535 kien ikun superfluwu."*

*L-actio manutentionis* allura tista' tigi ezercitata biss minn min ikollu "pussess", fis-sens tal-ligi, tal-proprjeta' in kwistjoni.

Il-Qorti izda kompliet tfisser li:

*"Il-kliem "ta' liema xorta jkun" ifisser illi l-pussess 'ad interdicta' jista' jkun leġittimu, in bona fide jew in mala fide, u m'huwiex meħtieġ li jkollu l-kwalitajiet kollha meħtieġa għall-pussess ad usucapionem, iżda jrid ikun pussess u b'hekk detenzjoni m'hijiex biżżejjed."*

Fis-sentenza **Michele Azzopardi v Giuseppe Farrugia** (Appell Civili, 31 ta' Ottubru 1930) intqal: *"mentre quella di manutenzione e` data per prottegere il possesso, che possa essere turbato, od anche eventualmente violato o distrutto, l'altra di reintegrazione viene fondata per punire la violenza o clandestinita` dello spoglio"* –

## 3 Id-differenza legali bejn pussess u detenzjoni

L-awtur Taljan **Alberto Trabucchi** (*"Istituzione di Diritto Civile" CEDAM 1999*) li jispjega d-distinzjoni bejn pussess u detenzjoni abbażi ta' l-*animus*: *"E' l'animus, dicevamo, che distingue le due figure del possessore e del detentore, mentre l'uno e l'altro appaiono in un uguale rapporto di fatto con la cosa. Si ha detenzione quando manca l'animus di esercitare la proprieta' o altro diritto sulla cosa. Nella posizione del detentore rispetto alla cosa esiste l'implicito riconoscimento di una preminente posizione altrui, e in qualche caso di una propria dipendenza da quella … Si avra' detenzione e non possesso in chi tiene la cosa* …d) *nell'interesse proprio del detentore per esercitare un diritto personale sopra la cosa altrui (conduttore della cosa avuta in locazione, comodatario, ecc)"*).

**Francesco Galgano** wkoll jenfasizza l-importanza ta' l-*animus* meta jghid:

*"Occorre, per essere possessore, l'animo o intenzione di possedere (per I romani: animus possidendi), ossia l'intenzione di comportarsi come proprietario della cosa…. Non e`, invece, possessore chi detenga la cosa per un titolu (ad esempio, per contratto di locazione, o di affitto o di noleggio) che implichi riconoscimento dell'altruita` della cosa."*

Mela per ezempju, d-detenzjoni ta' ghalqa permezz ta' qbiela ma tammontax ghall-pussess *animo domini* u *kwindi* m'hemmx lok ghall- *actio manutentionis* izda *invece* hemm lok ghall-*actio spolii.*